# ID-DMIR

ĊAJTA ta' *ALBERT M. CASSOLA*

Ittra uffiċjali, xotta: inti mitlub li tiġi f'dan l-Uffiċċju eċċetra, eċċetra, nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, ħalli tagħti xi tagħrif meħtieġ eċċetra, eċċetra. Kien mitlub ukoll jieħu miegħu l-kotba kollha tal-bank.

Fit-22 ta' Diċembru sew, tlitt ijiem qabel il-Milied. U fit-22 ta' Diċembru kien l-Uffiċċju.

Laqgħu messaġġier bl-ikbar ħlewwa, tant li kont tgħid li xi darba kiel il-kirxa miegħu: "Is-Sur Qasha?"

"Kollni kemm jien. Jekk jogħġbok ġejt inkellem lis-Sur Mejlaq. Għandi din l-ittra tiegħu."

"Ittra... Invit, invit insejħulu hawnhekk. Stedina biex tikxef daqsxejn għawarek."

"Lest nikxef kollox, kif għandu jkun."

"Iva, iva. Itla' fuq, itla', inwasslek jien."

"Grazzi."

Is-sur Qasha dar biex jixref l-ewwel waħda minn tmenin tarġa għolja.

"Le, le, mhux minn hemm. Hawn il-lift."

"Grazzi, grazzi, tant aħjar għax, skużi, inbati bil-kalliijiet."

"Ersaq, mela, ersaq lil hemm li ma mmurx nirfishomlok. Kieku għedtilna, jaħasra," qallu l-messaġġier qisu l-kap tal-post, "konna niġuk id-dar aħna."

Is-sur Qasha għammex għajnejh bit-tlellix tal-buttuni tar-ram ta' l-uniformi tal-messaġġier u wieġeb: "Persważ. Imma jkollkom ħafna x'tagħmlu, ma riditx nitilfilkom iż-żmien. Jien għandi żmien x'nitlef kemm irrid; anzi ż-żmien li għandi mhux qiegħed ħlief biex nitilfu."

Il-messaġġier ma kienx laf jitbissimx jew le. Sadattant il-lift wasal u s-Sur Qasha daħal għand is-Sur Mejlaq. Dana ma laħaqx rah li ma qamx bħal molla minn fuq il-pultruna u laqgħu bil-qalb kollha u ħadlu b'idejh it-tnejn donnu ma kien bi ħsiebu joħodlu xejn iżjed. Kien jonqsu jgħannqu u jbusu. Malli sama' li s-sur Qasha kellu l-inkonvenjent tal-kalliijiet (skużi dejjem), newwillu l-pultruna li kien qiegħed fuqha hu u għalih, is-sur Mejlaq, żamm is-siġġu ftit u xejn sgangrat li soltu jilqa' n-nies fuqu. Imbagħad ġieblu mħadda għal wara dahru u oħra għal taħt saqajh; anzi staqsieh riedx iżjed, donnu dak l-uffiċċju kien xi dormitorju.

"Le, le, għax inħammiġha biż-żarbun l-imħadda," qallu s-sur

Qasha li, barra kollox, induna li jekk hu kellu l-iskużi kallijiet f'riġlejh, dik l-imħadda, imqar jekk bla riġlejn, ma kinitx nieqsa mill-kallu (skużi bilħaqq).

"B'daqshekk?" fisser is-sur Mejlaq, "L-aqwa li toqgħod komdu. Tridx oħra iżjed ratba?"

"X'jiġifieri, sur Mejlaq, ma tarax?..." Iżda s-sur Mejlaq għenu jqiegħed riġlejh sew fuq l-imħadda, tbissimlu u staqsieh: "X'għandek bżonn, Mister Qasha?"

"Jien xejn," wieġeb dan, "ġejt nara fix nista' naqdi lilek. Hux din il-firma tiegħek?"

"Iva, Mister Qasha. Skużani, taf, imma dmir, dmir tiegħi li nkolli nagħmlu ma' kulħadd."

"Ma jistax jonqos. Bħalma huwa dmir, anzi pjaċir tiegħi, nikkontribwixxi lejn il-Gvern, lejn il-pajjiż. Hux għalhekk ridtni? Hemm min ta ħajtu għall-patrija, x'fiha billi jiena nagħti ftit eluf?"

"X'inti tgħid eluf? Le, le, sur Qasha. Lanqas miljet. Aħna nirrangaw. Illum is-sengħa tiegħek m'għadha ġġib xejn..."

"Is-sengħa tiegħi fl-aqwa tagħha. Dal-mument id-daqqa tagħna. Hawn, ara għall-affari tiegħek. Ifli sewwa l-kotba tal-bank. Aqra l-kontijiet li nibgħat. Għodd kemm eluf f'sena waħda. Tħabbel rasek xejn. Anzi stenna, qed nara li f'dik il-kolonna hemm zero nieqes. Ma nafx kif jiena ħadt żball. Dawk mhux 10,000 iridu jiġu, imma 100,000. Mela x'inhu: mitt elf lira. U dak għadu mhu xejn."

"Sur Qasha, nibża' li tassew qed tieħu żball, imma mhux għax għandek zero inqas, iżda zero iżjed. Trid tnaqqas zero: mhux 10,000 imma 1000 elf lira. Biċċa art illum x'tista' ġġib?"

"Iġġib ingħid, sur Mejlaq. Għandekx xi ħaġa int li trid tbigħha?"

Is-sur Mejlaq ikkonfonda: "Le, le," laqlaq, "jien is-salarju kulma għandi." U gidem xofftejh. Imbagħad issokta: "Insomma, sur Qasha, jiena żgur li ma stajtx tbigħ biċċa art 100,000 lira."

"Mhux hekk, kelli biċċa oħra, ftit 'il bogħod minn dik imma tagħti għall-baħar, ġibitli fuq it-300,000. Avolja ħdejn l-oħra ċkejkna, daqshekk marret. Imma sa jibnu lukanda fuqha, lukanda żul minn hemm... Hawn, ara l-irċevuta."

"Sur Qasha, skużani taf, imma biss biss trid tneħħi tal-bolol, tnaqqas tal-kuntratt..."

"U mur. Sa noqgħod inħabbtek tagħmel is-somom. Elf lil hawn, elf lil hemm... Jiddispjaċini li ma nistax noffrilek xi mitt lira x'tixrob, għax naf li int impjegat u, ma nifhimx għaliex, ma jħallukom taċċettaw xejn... Imma xi ħaġa tixraqlek... Imqar ponċ tar-rum għall-bard."

"Għadni kemm ħadt it-te. U *heater*, kif tara, għandi wkoll.

Grazzi l-istess. Imma ħalli nsejjaħ 'il-messaġġier ħalli jġib xi ħaġa lilek."

"Mhux għalija, grazzi. Issa ma nieħu xejn qabel nofs in-nhar."

"Imqar żewġ pastizzi u te mingħand ta' taħtna."

"Le, le, sur Mejlaq. Anzi ħalli niġu għall-business. Mela hawn: dawk il-kotba tal-bank, dan ir-reġistru tiegħi. Dak it-total ta' sena. Qligħ ta' tliet kwarti ta' miljun, barra 50,000 lira interessi. Għodd għal affarijik u ara hux sew. Bilħaqq, lanqas kont niżżilthom: hemm xi tlitt elef oħra ta' mezzanin li ridt neħles minnu. Harġli minn rasi. Jimporta żżidu daqsxejn? Ħa l-lapes."

"Grazzi, għandi l-pinna. Imma mhux hekk, sur Qasha. Inti qed turini dan ir-reġistru. M'għandekx xi ieħor?... Ngħidu aħna xi ieħor, taf inti, fejn l-eluf jidhru bħala mijet u l-mijiet bħala għaxriet?... Hares, bejnietna, kulħadd hekk jagħmel."

"L-affarijiet ta' ħaddieħor ma jimpurtanix minnhom. Jien rajt ma rajtx, smajt ma smajtx. Qed niftakar ukoll. Kont irbaħt 20,000 lira u tliet mija oħra l-Casino. Dawk jidħlu?"

"Li rbaħt ma jgħoddx... U lanqas li tlift..."

"Li tirbaħ *free*... Iss! Ma nafx għaliex. Mhux flus li jkunu daħlu dawk? Insomma, inti tista' tniżżilhom għalija. Jiena nħallas irrid. Nieħu pjaċir. Dmir tiegħi."

"Fuq li rbaħt xejn, sur Qasha. Aħna mhux qegħdin biex inqaxxru n-nies."

"Fhimtek, fhimtek. Qalbek rajtha. Hekk imorru l-affarijiet. Inti tfittex li tnaqqasli u jiena nara li nistqarrlek sa l-inqas sold. Dak huwa l-ispirtu li għandu jkun hemm bejn l-assessur u l-kontribwent."

Is-sur Mejlaq tbissem bil-ħlewwa.

"Jekk issibli xi żball, sur Mejlaq, ma jkunx ġej minni. Waħħalni l-multa u ara li ma tnaqqsulix ħabba."

"Multa, multa. Dak jonqos ukoll. Galantom bħalek."

"Galantom int, sur Mejlaq. Jien qed nagħmel biss id-dover ta' ċittadin. Għandi nħallas, inħallas. Nifhem li int ma tridx tagħfasni u nżżikħajr minn qalbi, imma d-dover dover..."

"Jien hekk ma' kulħadd, sur Qasha. Is-sold nibżagħlu għalih dak li jkun. Għax naf kemm għaraq tad-demm biex taqilgħu."

"Sewwa. Issa għidli xi rrid inħallas ħalli nagħtik ċekk."

"M'hemmx għaġla. Dak imbagħad nibagħtulek il-kont bil-mod. Ħallsu bin-nifs, taf. Lira tnejn kultant, kif ifettillek. Mhux sa niġru warajk."

"Le, kollox f'daqqa. Jiena li għandi nirhan, inbigħu."

"Għallinqas, sur Mejlaq, għidli tħallasx xi ċnus, għandekx xi spejjeż tat-tobba, ħalli nnaqqaslek li nista'... M'intix tbati b'riġlejk, hux tassew?"

"Le, grazzi, qiegħed komdu ħafna."

"Konna qed ngħidu għandekx xi ċnus, xi mediċini, xi tobba..."

"Ċnus xi nħallas għandi kieku, imma erħilhom. Tobba, insomma, il-kiropodista. Imma ħallina minn dan. Agħmilli l-kont u ibgħathuli, *please*."

"Hemm żmien, hemm żmien, *thank you*."

"Għandi pjaċir mill-konoxxenza, sur Mejlaq."

"Tant ieħor, sur Qasha. *Sorry* li qgħadt inġibek hawn. Attent, ara ma twaġġax riġlejk. Ħalli ngħinek tqum."

"M'hemmx għalfejn, grazzi. Inqum waħdi."

"Ħalli nwasslek s'isfel."

"Tiċċaqlaq xejn."

Is-sur Mejlaq qam u mar jagħfas il-buttun biex italla' l-lift: "Żgur m'hemmx għalfejn inwasslek s'isfel, sur Qasha?"

"Grazzi l-istess. Għan-niżla kull qaddis igħin. Imbagħad bil-lift."

"Bilħaqq, il-kotba tal-bank ħadthom, sur Qasha, u l-karti tiegħek?"

"Żommhom kemm hemm bżonn, taf."

"Le, le. Jiena innutajt li kelli ninnota."

"Iva? Lanqas rajtek."

"Iva, iva, sur Qasha, waqt li konna nitħaddtu. Formalità. Illum għandna prattika kbira."

"Mela grazzi mill-ġdid u l-Milied it-tajjeb."

"Lilek ukoll. U lill-familja kollha."

"Mela l-familja tiegħi tafha, sur Mejlaq?"

"Le, le, m'għandix il-pjaċir. Imma xorta nixtiqilha kull ġid..."

Is-sur Qasha għalaq il-bieba tal-lift, għafas il-buttun ħalli jinżel. Skoss qawwi u s-sur Qasha qam b'sabta mis-sodda.

Ħolma bħal dik kien għadu qatt ma ħolomha.